**Ministeru tal-Intern, s-Sigurta' u x-Xogħol**

**Post ta' Uffiċjal tal-Pulizija ghall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta` u x-Xogħol**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` (Police Patrol u Community Support Officers, PPCSO), fid-Dipartiment tal-Pulizija, fil-Ministeru tal-Intern, is-Sigurta` u x-Xogħol.

**Termini u kundizzjonijet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Uffiċjal tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` (PPCSO) huwa ta' Skala ta' Salarju 16, li fl-2025 huwa ta' €16,915.00 fis-sena, li jiżdied bi €263.00 fis-sena sa massimu ta' €18,493.00.

2.3 Waqt iż-żmien li l-kandidati jkunu qed jattendu l-kors ta' Trainee bħala Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita`, se jitħallsu salarju proporzjonat sal-punt tad-dħul fi Skala ta' Salarju 16 (€16,915.00 fis-sena 2025). Mat-telestija b'suċċess tat-taħriġ rispettiv, l-Uffiċjal tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita' jitla' fi Skala 16 Step 3 (li fl-2025 huwa ta' €17,441.00)

2.4 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita' titla' fi Skala ta' Salarju 15 (li fl-2025 huwa ta' €18,188.00 x €298 - €19,976.00) wara l-perjodu ta' prova, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Uffiċjali tal-Pulizija għal-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` jkunu eliġibbli li jsiru membri tal-Korp ladarba jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbilta` fi żmien ħames (5) snin mill-ħatra tagħhom. Ladarba jsiru Kuntistabbli tal-Pulizija, is-servizz tagħhom bħala Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` jiġi kkunsidrat bħala servizz mal-Korp u għandu jkollhom is-snin ta' servizz imwettqa bħala Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ fil-Komunita` mgħaduda fuq proporzjon ta' 1:0.5 biex jiġu kkunsidrati fuq bażi nozzjonali għall-fini ta' skala ta' salarju u bil-għan li jingħaqdu mal-Korp bħala uffiċjal ġuramentat.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorita` kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

Madankollu l-applikanti jkunu soġġetti ghal security clearance matul il-proċess kollu tar-reklutaġġ u dawk li qed japplikaw minn Korpi Dixxiplinati ohra se jkunu ukoll suġġetti għall-kondotta ta' performance mill-Korpi Dixxiplinati tagħhom.

2.7 Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita jistgħu jaħdmu fuq sistema ta' xift. F'dan il-każ, allowances skond il-PSMC japplikaw.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-DIrettiva 16, dwar "Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika, maħrug mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati li għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' nteress ikunu mmaniġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiziti tal-eligibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;
ii. ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;
iii. fil-pussess ta' School Leaving Certificate komplut;
iv. ikunu għalqu t-tmintax (18)-il sena sal-aħħar ta' Dicembru 2025;
v. ikunu medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, skont l-istandard mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Uffiċjal tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita`;
vi. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom Tattoos u/jew heavy body piercing u/jew modifikazzjonijiet oħrajn jiġu regolati mill-policy tal-Malta Police Force Tattoos fil-link: http://pulizija.gov.mt/en/police-force/police-vacancies/Documents/POL-TAT.pdf;
vii. applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom body modification u/jew body piercing jigu kkunsidrati skont il-każ.

**Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw ghal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Reverżjoni għall-ħatra precedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.**

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak miktub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtiega tal-ECTS, jew ekwivalenti , u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel.)

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl- istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbilta' meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 Barra minn hekk, kandidati li huma proviżorjament eliġibbli jintalbu jattendu fil Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-Furjana, sabiex jimlew formoli ta' kunsens u dikjarazzjoni. Matul il-proċess kollu sal-istadju tal-ħatra, jsir screening adekwat fuq kull kandidat. Jekk jirrizulta li jew id-dikjarazzjoni sottomessa tkun falza jew l-applikant jonqos milli jissodisfa l-livell ta' kondotta meħtieġa , il-kandidat jiġi skwalifikat u jkun eskluż milli jipproċedi fil-proċess tal-għażla.

**Sottomossjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proceduri tal-ghazla**

6. L-EWWEL PARTI - EFFIĊJENZA FIŻIKA / TEST MEDIKU

6.1 L-applikanti se jkunu soġġetti għal test tal-Effiċjenza Fiżika, li għandu jsir taħt Bord tal-Għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-istandards tal-Korp tal-Pulizija skont kif hemm mehmuż ma din iċ-ċirkolari bħala Anness B.

6.2 Il-Kandidati li ma jgħaddux ikunu jistgħu jerġgħu joqgħodu għat-test sħiħ fi żmien ġimgħa (1).

6.3 Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-Effiċjenza Fiżika li jipproċedu għat-Test Mediku.

6.4 Il-Kandidati li jgħaddu mit-test mediku mbagħad jipproċedu għall-Intervista Selettiva.

7. IT-TIENI PARTI - INTERVISTA SELETTIVA

7.1 Intervista selettiva intiża sabiex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalita', żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u oħrajn meħtieġa minn Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita`.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.4 Ir-riżultat tal-intervista selettiva jkun ikkunsidrat bħala proviżorju fl-ordni ta' mertu, l i jibqa' jgħodd sa sentejn (2) min-notifika tar-riżultat.

7.5 Il-kandidati huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprentistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Jobsplus li jħollhom mill-ftehim tal-iskema tal-apprentistat.

8. IT-TIELET ' PARTI – IR-REKLUTAĠĠ

8.1 Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa.

Matul dan il-perjodu, l-Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Il-kandidati jridu jattendu mill-anqas 80% tal-kors u jgħaddu b'suċċess mill-eżamijiet mogħtija. L-Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Apoġġ tal-Komunita` fuq taħrig ma jkunux initolati ghal ebda 'vacation leave' matul il-perjodu ta' taħrig taghhom fl-Akkademja.

8.2 Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` fuq Taħriġ, ikunu ntitolati għal uniformi b'xejn.

Jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati jista jkun fuq bażi residenzjali.

8.3 Il-marka massima għat-tielet parti dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex

tgħaddi hija 50% għal kull suġġett eżaminabbli hi skont il-kors ta' taħriġ tal-Akkademja.

L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Uffiċċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat.

Mdankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe' ħin il-kors ta' Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġieba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

8.4 Il-ħatriet isiru skont l-ordni tal-mertu finali u suġġett għall-postijiet vakanti. Dan l-ordni tal-mertu jibqa' validu għal perjodu ta' sentejn (2) min-notifika tar-riżultati.

8.5 Il-kandidati jkunu soġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, skont ir-regoli tal-PSC.

8.6 Uffiċjali tal-Pulizija għall-Patrol u għall-Appoġġ tal-Komunita` fuq Taħriġ jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-eżiġenzi tas-servizz.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

9.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani (Dipartiment tal-Pulizija) permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** fuq l-indirizz: https://recruitment.gov.mt (taħt *Uniformed and Security*). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

9.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

9.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottometu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

10. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati ;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani (Dipartiment tal-Pulizija). Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma: https://pulizija.gov.mt/ u hr.police@gov.mt